ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| Il-Ħames Sena | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**L-Isem:** ________________________________ **Il-Klassi:** ________________

IT-TOTAL TAL-MARKI

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:**

- Imla ismek u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **A**: **Wieġeb dwar il-LINGWA MALTIJA billi tikteb VERU jew F**

| | | VERU jew FAL |
|---|---|---|
| 1 | Bis-saħħa tal-lingwa Maltija nistgħu nirbħu iktar midalji fil-Logħob Olimpiku. | |
| 2 | Bis-saħħa tal-lingwa Maltija ningħarfu minn liema pajjiż ġejjin. | |
| 3 | Bis-saħħa tal-lingwa Maltija nistgħu nħajru turisti Franċiżi jiġu għal vaganza Malta. | |
| 4 | Nużaw il-lingwa biex inwasslu messaġġi fil-*mass media*. | |
| 5 | Nużaw il-lingwa Maltija biex niktbu ittri fil-ġurnali ta' barra minn Malta. | |
| 6 | Bil-lingwa Maltija aħna l-Maltin nikkomunikaw bejnietna. | |
| 7 | Il-lingwa hija mezz biex bih niktbu u naqraw. | |
| 8 | Nużaw il-lingwa Maltija biex nixtru prodotti bl-*Internet* mill-Ingilterra. | |

(marka 1 x 8 = 8 marki)

Eżerċizzju **B**: **Ikteb x'tista' tagħmel int biex ikollna dinja aħjar**.

1. Nista' ngħin biex ikollna ambjent iktar nadif billi

___________________________________________

___________________________________________

2. Nista' ngħin biex inġib iktar paċi meta

___________________________________________

___________________________________________

3. Nista' ngħin lil min hu fil-bżonn billi

___________________________________________

___________________________________________

(2 marki x 3 = 6 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **C: Ikteb sentenza dwar kif dawn in-nies jgħinuna fil-ħajja**

1. Il-gwardjan/a lokali:



___

___

___

2. Il-pulizija:



___

___

___

3. Il-qassis:



___

___

___

4. It-tabib/a:



___

___

___

5. L-għalliem/a:



___

___

___

(2 marki x 5 = 10 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



Eżerċizzju **D: Ir-Rapport tat-Temp**:

It-temp ivarja skont l-istaġuni. Hawnhekk issib żewġ rapporti tat-temp. Aqra d-dati sew. Wara imla l-vojt. Agħżel minn dan il-kliem li ġej. Waħda minnhom lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| *9* | *10 gradi Celsius* | *imsaħħab b'xi ħalbiet tax-xita* |
| *2* | *34 grad Celsius* | *ħafif għal moderat mit-Tramuntana* |
| *7.9 millimetri* | *sabiħ u xemxi* | *qawwi mill-Majjistral* |

**Rapport Numru 1**

| **Data** | **It-Tnejn 10 ta' Lulju** |
|---|---|
| **Temp** | |
| **Riħ** | |
| **Xita** | *Xejn* |
| **Temperatura** | |
| **UV Index** | |

**Rapport Numru 2**

| **Data** | **il-Ġimgħa 2 ta' Jannar** |
|---|---|
| **Temp** | |
| **Riħ** | |
| **Xita** | |
| **Temperatura** | |
| **UV Index** | |

(marka 1 x 9 = 9 marki)

Eżerċizzju **E: Imla l-kliem fil-kolonni t-tajbin; tlieta minnhom lesti bħala eżempji.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *~~Tundra~~* | *jgħixu ftit nies* | *ftit ħdura* | *~~kaktus~~* | *serp velenuż* |
| *silġ* | *ambjent aħrax* | *ramel* | *ġemel* | *xitwa twila* |
| *Eskimiżi* | *sħana qawwija* | *borra* | *~~xita skarsa~~* | *temperaturi estremi* |

| **Deżert kiesaħ** | **Deżert sħun** | **Komuni** (*issibhom fid-deżert kiesaħ u fid-deżert sħun*) |
|---|---|---|
| *Eż: Tundra* | *Eż: kaktus* | *Eż: xita skarsa* |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(marka 1 x 12 = [illegible]a)

Eżerċizzju **F**: **Immarka t-tweġiba t-tajba**.



1. Meta tagħmel ħafna xita f'daqqa jkollna (għargħar, terremot, tsunami, bnazzi).

2. Meta ddum ħafna ma tagħmel xita, ikollna (għargħar, nixfa, terremot, tsunami).

3. Meta jagħmel terremot qawwi ħafna, ir-riżultat dejjem ikun (bini mwaqqa', xita kbira, ħafna sħab, ħafna jiem ta' bnazzi).

4. Meta jagħmlu maltempati ħorox ġieli (jinxfu l-widien, jinqata' d-dawl, ikollna ħafna frott, tinżera' l-patata).

5. Meta tagħmel nixfa kbira (jinħoloq mewġ kbir, ikollna ħafna iktar frott mis-soltu, jinqatgħu l-linji tat-telefon, ikollna nuqqas ta' ilma għax-xorb).

(marka 1 x 5 = 5 marki)

Eżerċizzju **G**: **Għaliex taħseb li l-ħajja tal-bidwi hija iebsa ħafna?**
**Ikteb żewġ sentenzi biex tispjega dan.**




Sentenza 1:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Sentenza 2:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki x 2 = 4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **H: Wieġeb billi timla l-vojt jew timmarka l-kaxxi bis-sinjal X.**

1. Semmi villaġġ fil-Gżejjer Maltin li huwa magħruf ħafna għas-sajd:

   ____________________________________ (2)



2. Meta ngħidu sajjied *part-time* nifhmu:

| | |
|---|---|
| sajjied li joħroġ jistad is-Sibt u l-Ħadd biss | |
| sajjied li joqgħod San Ġiljan | |
| sajjied li xogħlu jistad biss | |
| sajjied li għandu xogħol ieħor minbarra s-sajd | |

(2)

3. Semmi ħuta waħda li tinqabad ħafna mis-sajjieda Maltin.__________________ (2)

4. Ħafna mill-ħut maqbud mis-sajjieda Maltin:

| | |
|---|---|
| jinbiegħ lill-Amerikani | |
| jittieħed il-pixkerija biex jinbiegħ | |
| mhux tajjeb għall-ikel | |
| jerġa' jintrema fil-baħar | |

(2)

5. Ġeneralment is-sajjieda Maltin kif jaqbduh il-ħut?

   ________________________________________________________________________ (2)

6. Għaliex ix-xogħol tas-sajjied jista' jkun iebes ħafna?

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________ (2)

7. Fl-istampa tal-lemin jidher it-Torri ta' San Luċjan. F'dan it-torri nsibu ċ-ċentru tal-Akwakultura. Għaliex taħseb li l-Akwakultura tista' tkun ta' vantaġġ għalina?



   ____________________________________________________

   ____________________________________________________

   ____________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(Total eżerċizzju H = 15-il ma

Eżerċizzju **I: Aqra**:

Pawlu Attard jattendi l-Ħames Sena tal-Primarja. L-iskola qegħdin jitgħallmu dwar il-bliet qodma Maltin. Il-papà ta' Pawlu, is-Sur Toni Attard, iddeċieda li f'Jannar, kull nhar ta' Ħadd, jibdew iżuru xi belt qadima. Magħhom ingħaqdet ukoll Mariosa Cassar, ħabiba ta' Pawlu li toqgħod fl-istess triq tagħhom u li qiegħda wkoll fil-Ħames Sena. Waqt iż-żjarat li għamlu, ħadu ħafna ritratti biex wara jagħmlu album ta' tifkira.

**Aħdem**: Dawn kienu sitt ritratti li ħadu. Ikteb l-isem tal-belt: **IL-BIRGU, L-IMDINA** jew **IĊ-ĊITTADELLA** taħt kull ritratt. Kull isem irid jinkiteb darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
| *Il-Bieb ta' Mondion* | *Il-Katidral ta' Santa Marija* | *Il-Kastell Sant'Anġlu* |
| belt: | belt: | belt: |

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
| *Il-Katidral ta' San Pawl* | *Il-Palazz tal-Inkwiżitur* | *Triq dejqa f'belt ġo Għawdex* |
| belt: | belt: | belt: |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

(2 marki x 6 = 12

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **J: Kompli wieġeb dwar iż-żjarat li għamlu s-Sur Toni Attar... u Mariosa fil-bliet il-qodma. Aqta' sing taħt it-tajbin.**

1. Fl-ewwel Ħadd ta' Jannar, is-Sur Attard ħa lil Pawlu u lil Mariosa f'belt antik... maġenb il-baħar. Huma marru (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu, ż-Żurrieq). (2)

2. Fit-tieni Ħadd ta' Jannar huma marru f'belt qadima f'Malta mibnija fuq għolja. Huma marru (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu, ż-Żurrieq). (2)

3. Fit-tielet Ħadd ta' Jannar huma marru Għawdex iżuru l-belt qadima t'hemmhekk. Huma żaru (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu, ż-Żurrieq). (2)



4. Kemm ġewwa l-Imdina kif ukoll ġoċ-Ċittadella, it-tfal ħadu ħafna ritratti ta' (xarabanks, jottijiet lussużi, toroq dojoq, bereġ tal-Kavallieri). (2)

5. Fl-istampa fuq il-lemin jidher it-Torri tal-Istandard. Dan jinsab (il-Birgu, l-Imdina, iċ-Ċittadella, il-Belt Valletta). (2)

6. Fil-Birgu t-tfal ħadu ritratti ta' (Mużew tal-Folklor, Katidral, bereġ qodma tal-Kavallieri, Mużew tal-Istorja Naturali) (2)

7. Minn dak li raw it-tfal fl-Imdina, semmi xi ħaġa li mill-antik sal-lum ma nbidlitx, jiġifieri baqgħet l-istess.

   ______________________________________________ (2)

8. Semmi xi ħaġa li raw it-tfal fil-Birgu li miż-żminijiet qodma sal-lum inbidlet, jiġifieri ma baqgħetx l-istess.

   ______________________________________________ (2)

9. Fiż-żjarat li għamlu t-tfal l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella, dejjem iltaqgħu ma' ħafna turisti. Għaliex taħseb li għalina l-Maltin huwa tajjeb meta ħafna turisti jżuru Malta?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (3)

(Total eżerċizzju J = 19-il marka)

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers